**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**vs**

**Mustafa Khaled M. Elazabi**
**Akrim Saleh M. Elazzabi**

**Seduta tad-Distrett Valletta**

**Illum 17 ta' Ottubru, 2016**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **Mustafa Khaled M. Elazabi** detentur tal-passaport Libjan bin-numru 306384 u **Akrim Saleh M. Elazzabi** detentur tal-passaport Libjan bin-numru JRR8N3GR billi huma akkuzati:

Talli fix-xahar ta' Lulju 2015 u fil-jiem ta' qabel jwe wara, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

Kif ukoll akkuzati talli fl-istess cirkostanzi, taw jew gielghu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz dwar xi

informazzjoni li ghandha tigi moghtija skont jew ghall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Il-*fatti specie* tal-kaz**

L-investigazzjoni dwar il-kaz bdiet fl-20 ta' Ottubru 2015, meta l-pulizija tal-Immigrazzjoni rceviet rapport mill-Agenzija *Identity Malta* rigward zewg persuni ta' nazzjonalita' Libjana li allegatamentipprezentaw dokumenti foloz lill-istess Agenzija *Identity Malta* biex ikunu jistghu japplikaw ghall-karta tar-residenza Maltija bi skop li jattendu kors ta' studju hawn Malta.

Fil-31 ta' Ottubru 2015, il-pulizija sejjhet l-imputati fil-Kwartieri Generali tal-pulizija fejn irrilixxaw stqarrija individwalment fil-prezenza ta' interpretu wara li kienu kkonsultaw mal-avukat tal-ghazla taghhom.

L-imputat Akrim Saleh M. Elazzabi li jinsab f'siggu tar-roti stqarr li wasal Malta fl-ahhar ta' Lulju 2015 permezz ta' *'schengen visa'* mir-Repubblika Ceka u li applika ghal residenza Maltija qabel il-perjodu ta' validita' tal-visa. Meta kien mistoqsi ghal liema ragunijiet kien gie Malta, l-imputat qal li kien gie ghal turizmu u ghall-kura medika. Wara Akrim Saleh stqarr li ddecieda li jattendi kors tal-lingwa Ingliza sakemm ikun qed jiehu t–trattament tieghu hawn Malta. L-istess imputat stqarr ukoll li qieghed hawn Malta akkumpanjat mill-kugin tieghu l-ko-imputat Mustafa Khaled M. Elazabi, li jiehu hsiebu u jassistih fil-bzonnijiet tieghu.

L-imputat Mustafa Khaled M. Elazabi stqarr li wasal Malta flimkien mal-kugin tieghu Akrim Saleh fl-ahhar ta' Lulju 2015 permezz ta'

*'schengen visa'.* L-imputat stqarr li gie Malta ghal skopijiet ta' turizmu u biex jassisti lil kuginuh ghal ragunijiet medici. Meta l-imputat kien mistoqsi jekk kienx hemm ragunijiet ohra biex jigi Malta, l-imputat naqas li jsemmi l-kors ta' studju li kienet ir-raguni principali ghaliex applikaw ghal residenza Maltija.

Iz-zewg imputati stqarrew li ltaqghu ma' persuna Libjana fil-bini ta' *Identity Malta* li resaq fuqhom u offra li jghinhom billi jippreparalhom l-applikazzjoni u d-dokumenti li ghandhom bzonn hlief il-polza ta' assikurazzjoni. Skont l-imputati kienet l-ewwel darba li ltaqghu mieghu. L-imputati accettaw l-offerta ta' dan il-persuna maghruf bhala Hamza u hallsuh is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) fi flus kontanti minghajr ma nghataw ircevuta.

Dwar id-dokumenti pprezentati mal-applikazzjoni: Statement of Account tal-Bank of Valletta u ittri tal-Easy School Languages li jittestaw li l-imputati kienu accettati bhala student biex jistudjaw l-Ingliz, mill-istharrig tal-pulizija rrizulta li l-imputati m'ghandhomx kont mal-bank *Bank of Valletta,* u li l-flus jircevuhom mill-familjari taghhom mill-Libja. Meta l-pulizija staqsewhom jekk attendewx lezzjonijiet tal-Ingliz, l-imputati wiegbu li ma attendewx, lanqas jafu fejn hi l-iskola u x'inhu isem l-iskola.

L-imputat Akrim fl-istqarrija jghid li:

*"I don't know they were false. I only realized that there was something wrong when Hamza didn't answer my telephone calls. I also checked with the school and they told me that I was not registered with the school and not even my cousin" […] "I did not know that the papers were fake because Hamza did not even let us see the papers. We did not ask to see the papers. Everything happened very fast because Hamza made the appointment for us and was pushing us to hurry up"*

L-imputati stqarrew li kienu huma l-persuni li pprezentaw dawn id-dokumenti flimkien mall-applikazzjoni lill-Agenzija *Identity Malta.*
Akrim Saleh Elazzabi *a tempo vergine* meta kien qieghed jaghti l-istqarrija tieghu lill-pulizija (*a fol.* 11) jghid: *"I am under shock because I cannot*

*believe that a Libyan person would do this to me even though I am disabled. He took advantage of our need for a residence permit".*

Il-Qorti tirrileva li f'dawn il-proceduri kienet ipprezentata **biss** l-applikazzjoni li saret minn Mustafa Khaled Elzabi ghand Identity Malta (*a fol.* 17) u ma kienet pprezentata l-ebda applikazzjoni ta' Akrim Saleh M. Elazzabi. Ta' Akrim Saleh M. Elazzabi kienet ipprezentata ircevuta ghall-applikazzjoni (*a fol.* 12), conditional acceptance letter tal-Easy School Languages (*a fol.* 13), tliet dokumenti ta' trasferimenti ta' flus permezz ta' MoneyGram (*a fol.* 15 et. seq.)

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi l-akkuza ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputati hija dik tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Il-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Paul Galea**" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

> "Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fi-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara Antolisei F. **Manuale di Diritto Penali** – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna

> identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Il-fatti tal-kaz jaqghu taht ir-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali peress li l-falz riskontrat kien falz ideologiku ghaliex d-dokument kien wiehed genwin izda kien jikkontjeni dikjarazzjonijiet inveritjeri *"perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero"* [1].

Kaz klassiku ta' <u>falz materjali</u>, huwa meta d-dokument ma jkunx wiehed genwin proprju ghax l-awtur apparenti ma kienx verament l-awtur ta' dak id-dokument.

**Sottomissjonijiet tad-difiza**

Id-difiza fis-sottomissjonijiet orali u bil-kotba sostniet li:

1. Illi sabiex ir-reati kontemplati jisussistu jehtieg illi l-prosekuzzjoni li tipprova lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni illi l-esoonenti kienu jafu li d-dokumenti li gewipprezentata kienu foloz, bl-intenzjoni li ssehh il-frodi:[2]

   *"If one had to argue that the documents are purporting to be something they are not, then one must delve into the issue of dolus. As the Court of Magistrates pointed out, for the crime of forgery to exist, **<u>the intent to defraud is always required.</u>** Indeed, the possibility to deceive is deemed*

---

[1] Skont dak mghallem fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea**.

[2] **Il-Puluzija vs. Stephen Osei Boateng, 234/2015, Hon. Madame Justice Edwina Grima, Court of Appeal, 30 June 2016.**

*to be an essential ingredient in the crime of forgery whether in relation to both private and public documents"*

2. Illi barra l-fatt illi l-ezistenza tal-intenzjoni ta' frodi ma kinetx prezenti u ma gietx pruvata mill-prosekuzzjoni, wiehed irid jaghmel referenza ghat-teorija tal-'*falso grossolano,*' fejn il-Professur Anthony Mamo jghid:[3]

   *"There is no crime of forgery if the forgery itself is so clumsy that is obvious almost 'ictu oculi'. According to Mamo the document, though made to appear to resemble the true instrument must still 'be capable of deceiving persons using ordinary observation, according to their means of knowledge"*

3. Illi jekk tigi applikata t-teorija tal-'*falso grossolano*' ghall-kaz odjern, Identity Malta, bhala d-dipartiment koncernat, kellhom jindunaw li d-dokumenti pprezentati ma kinux genwini; dan ghaliex d-dokumenti kienu jikkonsistu f-fotokopji li qatt ma setghu iwasslu ghall-frodi.

**Identity Malta**

Dan il-kaz beda jkun investigat mill-pulizija wara informazzjoni li ghaddew ufficjali tal-**Identity Malta** fl-20 ta' Ottubru 2015[4]. Ix-xhud **Ryan Spagnol**[5] spjega li: *"fl-ahhar tas-sajf li ghadda kienet ghaddejja investigazzjoni interna fid-dipartiment rigward numru ta' skejjel jew numru ta' student minn grupp ta' skejjel li kienu qed jipprezentaw dokumenti tal-bank li ma kinux konvincenti xejn u minhabba din l-istess investigazzjoni minn dak iz-zmien 'il hemm bdejna nitolbu dokumenti tal-bank originali biex turi li per ezempju min gej jistudja hawn ghandu biex imantni lilu nnifsu. Konna ghaddejna numru ta' files lill-pulizija dak iz-zmien, pero' dawn iz-zewg applikanti kienu gew biex jibdlu l-indirizz ... intervjenejt jiena u staqsejthom*

[3] Ibid.
[4] Dok RS 1 *a fol.* 35 u 36
[5] Seduta tas-6 ta' April 2016 *a fol.* 30

*xi mistoqsijiet. Fil-fatt fl-email li kont ghaddejt lill-pulizija b'rabta mal-kaz kont semmejt l-ewwel nett il-livell ta' Ingliz taghhom ma kienx juri li vera qed jistudjaw, it-tieni nett ma kinux kapaci lanqas jghidu t-titlu tal-kors li kienu ingaggati fih u t-tielet nett meta staqsejthom lil wiehed minnhom ghax l-iehor prattikament l-Ingliz zero, stqasejtu fejn kien qed jistudja bhala lokalita' qalli li kien San Gwann meta l-iskola li indikaw lilna fl-applikazzjoni kienet il-Belt. Allura jiena komplejt nikkonferma li veru l-applikazzjoni kienet fazulla mill-bidu nett."*

L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur **Darren Buhagiar** fin-nota ta' sottomissjonijiet[6] isostni li meta gew ikkonfrontati bid-dokumenti allegatament foloz li pprezentaw, fosthom *statement of account* tal-bank *Bank of Valletta* falz u ittra tal-iskola *Easy School of Languages* falza, *"l-imputati stqarrew li dawn ma' rawhomx b'ghajnejhom u allura juri li l-imputat lanqas iddenjaw ruhhom jiccekjaw x'hemm fil-file taghhom li ppresentaw huma stess lil Identity Malta … l-imputati bdew jissuspettaw xi haga hazina f'dan il-persuna meta ppruvaw jaghmlu kuntatt mieghu fuq il-mobile u ma bediex jwiegeb it-telefonati taghhom. Illi ghalkemm dan il-persuna nissel suspetti fil-mohh tal-imputati, l-imputati fl-ebda mument ma talbu lid-Dipartiment Identity Malta biex jaraw il-file taghhom u allura jiccekjaw id-dokumenti kollha li kienu ppresentaw. Li kieku ghamlu dan, l-imputati kienu ghadhom bic-cans li jirregolawizzaw il-pozizzjoni taghhom mad-Dipartiment u ma kien isir l-ebda rapport lill-Pulizija […] wara dawn is-suspetti, l-imputati stess stqarrew li hassew il-htiega li jivverifikaw mal-iskola Easy School of Languages, jekk humiex irregistrati. Illi r-rappresentant ta' l-istess iskola ikkonferma li l-imputati ma kienu qatt irregistrati. Illi r-rappresentat tal-Bank of Valletta xehed li ma kellhom l-ebda rekord taz-zewg imputati mal-bank."*

Il-Qorti ma taqbilx ma dak li sostna l-Ufficjal Prosekutur li *"l-imputati fl-ebda stadju ma' talbu identifikazzjoni ta' dan il-persuna mhux maghruf li offra biex jghinhom japplikaw."* Huwa fid-dmir tal-prosekuzzjoni li jinvestigaw l-informazzjoni li jkollhom u ma jistennewx lil min ikun investigat jghidilhom hu x'jaghmlu.

[6] *A fol.* 43 *e.t seq.*

Lanqas huwa korrett dak li qalu d-difiza dwar ***Identity Malta*** li *"kellhom jindunaw li d-dokumenti pprezentati ma kinux genwini; dan ghaliex d-dokumenti kienu jikkonsistu f-fotokopji li qatt ma setghu iwasslu ghall-frodi"* ghaliex tant ghamlu xoghlhom sewwa li kienu huma li ndunaw bl-abbuz u ghamlu rapport lill-pulizija.

Il-Qorti qieghda tiehu in konsiderazzjoni dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni *"illi f'kaz ta' htija, l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ma jaqbilx li tinhareg ordni ta' tnehhija f'isem l-imputati minhabba l-vulnerabilita' tal-imputat is-Sur Akrim Saleh u l-koimputat li jrid jassistih, u dan ai termini tal-Artikoli 4 & 5 tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2008/115/EC".*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Akrim Saleh M. Elazzabi hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u minnhom tilliberah, u wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kap 9 u Art. 32(1c) tal-Kap 217 ssib lill-imputat Mustafa Khaled M. Elazabi hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih izda in vista tac-cirkostanzi kollha fuq imsemmija bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qieghdha tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin millum.

__________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**